

Brussell, 23 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10023/26
ADD 1

LIMITE

CORLX 571
CFSP/PESC 838
RELEX 768
COEST 441
FIN 801

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru
765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-
involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

ANNEX

L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness V, jiddaħħlu l-entitajiet li ġejjin:

“CHIP AND DIP LLC

OJSC Rogachev Plant Diaprojector

DISPLAY DESIGN BUREAU JSC

CJSC “Hull Products Plant”;

(2) L-Anness Va jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, Kategorija III, Parti 1 (Telekomunikazzjonijiet), taqsima X.A.III.101 (Tagħmir tat-telekomunikazzjoni), jiddaħħlu l-entraturi li ġejjin:

‘j. Sistemi u tagħmir tal-frekwenzi tar-radju mhux inklużi fir-Regolament (UE) 2021/821, komponenti u aċċessorji, iddisinjati apposta jew modifikati biex jiżviluppaw xi waħda mill-funzjonijiet li ġejjin:

a. Teħid ta’ kontroll u kmand tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs);

b. Deliberatament u selettivament, jinterferixxu ma’, jiċċdu, jinibixxu, jiddegradaw jew iqarrqu bis-sinjali tal-frekwenza tar-radju għall-kontroll u l-kmand tal-UAVs;

- c. Jużaw il-karatteristiċi speċifiċi tal-protokoll tal-frekwenza tar-radju użat mill-UAVs biex ifixxlu it-tħaddim tagħhom.

Nota Teknika: Tali sistemi u tagħmir jistgħu jinkludu disturbaturi tal-frekwenza tar-radju, analizzaturi tal-protokoll, imitaturi tas-sinjali, sistemi ta' ħtif, antenni direzzjonali, pjattaformi ta' radju ddefinit minn software (SDR), moduli ta' gwerra elettronika, kif ukoll software assoċjat jew firmware ta' kontroll speċifikament adattat għal applikazzjonijiet kontra l-UAVs. ';

- (b) fil-Parti A, il-Kategorija IX (Materjali Speċjali u Tagħmir Relatat), jiddaħħlu t-taqsimiet li ġejjin:

‘X.C.IX.018 Pjanċi, folji, riti, fojls, tapes, strixxi u forom ċatti oħrajn awtoadeżivi, mhux speċifikati fir-Regolament (UE) 2021/821, li jkollhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

- a. Temperatura operattiva massima li taqbeż 413,15 K (140 °C) u temperatura operattiva minima ta' anqas minn 233,15 K (-40 °C); u
- b. Konformi ma' dan kollu li ġej, imkejjel skont l-istandard ASTM E595 jew “standards ekwivalenti”:
 1. ‘Telf Total tal-Massa’ (Total Mass Loss, TML) ta' 1,0 % jew anqas; u

2. ‘Materjal miġbur volatili kondensabbli’ (Collected Volatile Condensable Material, CVCM) ta’ 0,10 % jew anqas.

Noti Tekniċi:

1. *Għall-iskopijiet tal-kontroll X.C.IX.018, ‘Telf Totali tal-Mass’ (TML) hija t-tnaqqis f’perċentwali fil-massa tal-eżemplar ikkawżata mill-volatilizazzjoni ta’ materjali taħt kundizzjonijiet speċifiċi ta’ vakwu u ta’ temperatura skont l-istandard ASTM E595 jew ta’ “standards ekwivalenti”.*

$$TML (\%) = \frac{M_i - M_f}{M_i} \times 100$$

Fejn:

M_i = massa inizjali tal-eżemplar

M_f = mass finali tal-eżemplar wara espożizzjoni għall-vakwu

2. *Għall-finijiet tal-kontroll X.C.IX.018, 'Materjal miġbur volatili kondensabbli' (CVCM) huwa l-perċentwal ta' materjal volatili li minnu jitneħħa l-gass minn eżemplar għall-ittestjar li jikkondensa fuq kollettur speċifiku li jinżamm f'temperatura kkontrollata.*

$$CVCM (\%) = \frac{M_c}{M_i} \times 100$$

fejn:

M_c = massa miġbura fuq il-pjanċa tal-kollettur

M_i = massa inizjali tal-eżemplar

X.C.IX.019 Trab tan-nikil, metall u liġi tal-nikil li jkollhom kontenut ta' purità tal-nikil ta' 50 % jew aktar bil-piż, ħlief dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.C.IX.020 Trab tal-berillju li jkollu kontenut ta' purità tal-berillju ta' 50 % jew aktar bil-piż, ħlief dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.';

- (c) fil-Parti A, il-Kategorija VII (Ajruspazju u Propulsjoni), jiddaħħlu t-taqsimiet li ġejjin:

“X.A.VII.004 Servomuturi li jkollhom proporzjon ta’ torque għall-piż ta’ 0,16 jew aktar.

Nota Teknika:

*Il-proporzjon ta’ torque għall-piż jinħadem billi t-torque jitkejjel f’kgf*cm u l-piż fi g.*

X.A.VII.005 Tagħmir għal-lanċjar ta’ vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs), u partijiet tagħhom ħlief dwar speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.VII.006 Tagħmir għall-appoġġ fuq l-art għal vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs).

X.A.VII.007 Sistemi ta’ ‘terminazzjoni tat-titjira’ u komponenti ddisinjati speċjalment għalihom.

Nota: *Dan il-kontroll ikopri standards ta’ komunikazzjoni diġitali u analogi għal sistemi ta’ ‘Terminazzjoni tat-Titjira’, inklużi modalitajiet operazzjonali kriptati.*

Noti Tekniċi:

1. *Għall-fini ta' dan il-kontroll, 'terminazzjoni tat-titjira' tista' tinvolvi nżul ikkontrollat, awtoqerda tal-UAVs jew missila, jew detonazzjoni tat-testata biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ħsara kollaterali.*
2. *Għall-fini ta' dan il-kontroll, il-komponenti jinkludu tagħmir tal-art u abbord, eċċitaturi tal-kmand, encoders, kontrolluri amplifikaturi, riċevituri tal-verifika tal-kmand, amplifikaturi, trażmettituri, dekodifikaturi u riċevituri.*

X.D.VII.003 “Software”, għall-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat permezz ta’ X.A.VII.006, jew X.A.VII.007.’;

(3) fl-Anness XXVII, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
“2603	Minerali u konċentrati tar-ram
2604	Minerali u konċentrati tan-nikil
2607	Minerali u konċentrati taċ-ċomb
2616	Minerali u konċentrati ta’ metalli prezzjużi
2817	Ossidu taż-żingu; perossidu taż-żingu
2819	Ossidi u idrossidi tal-kromu
3803	Żejt tar-raża, raffinat jew le
7001	Ħġieġ miksuri u skart u ruttam ieħor tal-ħġieġ, ħlief ħġieġ minn tubi katodiċi jew xi ħġieġ ieħor attivati mill-intestatura 8549; ħġieġ bil-gozz
7002	Ħġieġ f’boċċi (għajr mikrosferi tal-intestatura 7018), vireg jew tubi, mhux maħdumin
7003	Ħġieġ magħmul bil-forma u ħġieġ mibrum, f’folji jew fi profili, b’saff assorbenti, riflettenti jew mhux-riflettenti jew mingħajru, iżda mhux maħdum mod ieħor
7004	Ħġieġ miġbud u ħġieġ minfuħ, f’folji, b’saff assorbenti, riflettenti jew mhux-riflettenti jew mingħajru, iżda mhux maħdum mod ieħor
7006	Ħġieġ tal-intestatura 7003, 7004 jew 7005, mgħawweġ, bix-xfar maħdumin, imnaqqax, imtaqqab, żmaltat jew maħdum mod ieħor, iżda mhux bi gwarniċ jew mgħammar b’materjali oħrajn
7008	Unitajiet tal-ħġieġ b’hitin multipli iżolaturi
7009	Mirja tal-ħġieġ, bil-gwarniċ jew le, inklużi mirja biex tara wara
7011	Envelops tal-ħġieġ (inklużi bozoz u tubi), miftuħin, u l-partijiet tagħhom tal-ħġieġ, mingħajr tagħmir, għal lampi elettriċi u sorsi tad-dawl, tubi katodiċi jew bħalhom
7013	Oġġetti tal-ħġieġ tat-tip użat għall-mejda, kċina, twaletta, uffiċċju, tiżjin ta’ ġewwa jew għal għanijiet simili (ħlief dawk ta’ titlu 7010 jew 7018)
7014	Oġġetti tal-ħġieġ għas-sinjalar u elementi ottiċi tal-ħġieġ (ħlief dawk tal-intestatura 7015), mhux maħdumin ottikament

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
7015	Ħġieġ ta' arloġġi jew ta' arloġġi tal-idejn u ħġieġ bħalhom, ħġieġ għan-nuċċalijiet mhux-korrettivi jew korrettivi, ikkurvati, mgħawġin, imħaffrin jew bħalhom, mhux maħdumin ottikament; sferi tal-ħġieġ imħaffrin u segmenti tagħhom, għall-manifattura ta' dal-ħġieġ
7016	Blokki, ċangaturi, briks, kwadri, madum u oġġetti oħrajn għal pavimentar tal-ħġieġ ippressat jew bil-forma, bil-wajer jew le, tal-tip użati għal għanijiet ta' bini jew kostruzzjoni; kubi tal-ħġieġ u oġġetti żgħar oħrajn tal-ħġieġ, mirfudin b'dahar jew le, għal mużajki jew għanijiet dekorattivi simili; dwal biċ-ċomb jew bħalhom; ħġieġ multiċellulari jew fowm fi blokki, pannelli, pjanċi, qxur jew għamliet simili
7017	Oġġetti tal-ħġieġ għal laboratorju, iġġeniċi jew farmaċewtiċi, immarkati b'qisien jew kalibrati
7018	Żibeġ tal-ħġieġ, perli artifiċjali, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż artifiċjali u oġġetti żgħar tal-ħġieġ simili, u oġġetti tagħhom ħlief ġojjelli artifiċjali; għajnejn tal-ħġieġ ħlief oġġetti prostetiċi; statwetti u ornamenti oħrajn tal-ħġieġ maħdum bil-lampa, ħlief ġojjelli artifiċjali; mikrosferi tal-ħġieġ b'dijametru mhux ikbar minn 1 mm
7020	Oġġetti oħrajn tal-ħġieġ
7901	Żingu mhux maħdum
8707	Bodies (inkluż kabini), għall-vetturi bil-mutur tal-intestaturi 8701 sa 8705
8708	Parts u aċċessorji tal-vetturi bil-mutur tal-intestaturi 8701 sa 8705".